6 ta' Marzu, 1954

Imħallef:

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Frank Borg

**Traffiku — Assikurazzjoni — "Third Party Risks" — Liċenza — Sospensjoni — Ċitazzjoni — Trattazzjoni tal-Kawża — Impjegat — Art. 14 tal-Kap. 105, 3(1) tal-Kap. 165 u 389 tal-Kodiċi Kriminali**

*Il-liċenza tal-Pulizija biex wieħed isuq karrozza tal-mutur hija relativa għal xorta partikulari ta' vettura; u konsegwentement min isuq karrozza mingħajr ma għandu liċenza partikulari għal dik ix-xorta ta' karrozza, ikun qiesu saq mingħajr liċenza.*

*Il-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hix ħlief ordni ta' komparizzjoni, u l-enunċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha ma hix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni; u l-Qorti tista' tikkonvinċi lill-imputat ta' reat divers minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni, u li jirriżulta mill-provi li jkunu saru; basta jingħata lill-imputat, jekk jitlob hekk, terminu raġjonevoli biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida. Dan jibqa' veru anki meta t-trattazzjoni tal-kawża tkun ġa ġiet magħluqa.*

*Proprjament hu aktar korrett u eżatt li fil-każ ta' sid ta' garage, li jordna lill-impjegat tiegħu joħroġ b'kirja, l-imputazzjoni li sar użu mill-karrozza bla liċenza tiġi bażata fuq il-fatt li huwa "ġiegħel", u mhux "ippermetta", lil dak l-impjegat jagħmel dak l-użu tal-karrozza. Però, f'każ simili l-akkuża bażata fuq li "ġiegħel" hija sostenibbli xorta waħda; għax sid il-garage jiġi li ppermetta l-użu tal-karrozza, u ma evitax li jsir dak l-użu minnha. Dana però ma jfisserx li fil-prattika ma jistax ikun hemm każijiet fejn id-distinzjoni bejn "cause" u "permit" għandha tkun aktar rigoruża; b'mod li huwa konsiljabbli li l-imputazzjoni tiġi adattata għall-fattezzi tal-każ, u li dawn iż-żewġ termini — "cause" u "permit" — ma jiġux użati promiskwament.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti sabet raġunijiet biżżejjed li kienu jikkostitwixxu "special reasons" biex jiġi ridott il-perijodu tas-sospensjoni tal-liċenza inflitta lill-imputat mill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli. f'dawn l-aħħar tliet xhur, għamel użu *minn* taxi-car No. 9807 mingħajr *il-polza* tas-sikurtà jew il-garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939, u talli ppermetta *lil* Calcedonio Sammut isuq l-istess taxi mingħajr liċenza speċjali tas-sewqan; u għalhekk il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika tiegħu milli jkollu jew jottjeni ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il xahar jew iżjed skond l-art. 3(2) ta' l-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Diċembru, 1953, li biha dik il-Qorti ddeċediet *billi* sabet lill-imputat ħati talli ppermetta lil Calcedonio Sammut jagħmel użu minn taxi-car nru. 9807 mingħajr "special driving licence", u kkundannatu £2.10.0 multa, u ħati talli ppermetta lill-istess Calcedonio Sammut jagħmel użu mill-istess vettura mingħajr il-polza tas-sigurtà jew il-garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u kkundannatu £5 multa u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il xahar, u lliberatu mill-imputazzjoni oriġinali li għamel użu mit-taxi-car nru. 9807 mingħajr it-"*Third* Party Policy", u tat lill-imputat żmien xahar għall-ħlas tal-multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

*Dwar il-fatti l-Prosekuzzjoni u d-Difiża* għamlu riferenza għal dak li hemm fis-sentenza appellata (verbal fol. 32);

Id-deduzzjonijiet tad-difiża huma dawn:

1. Kwantu għall-imputazzjoni li l-imputat ippermetta lil Calcedonio Sammut li jsuq it-taxi in parola bla liċenza speċjali tas-sewqan, ammessa *bħala fatt*, ġie *oppost* illi l-art. 14 tal-Kap. 105 Ediz. Riv. ma jsemmix il-liċenza speċjali, iżda biss liċenza in ġenerali;

2. Kwantu *għall-imputazzjoni* l-oħra, ġie oppost li, ġa ladarba t-trattazzjoni kienet ġiet magħluqa, għalhekk, stante d-dispost ta' l-art. 389 Kap. 12, l-Ewwel Qorti ma setgħetx

tibiddel dan l-imputazzjoni, u minn imputazzjoni li għamel użu minn vettura bla "Third Party Policy" tagħmilha waħda *li ppermetta lil ħaddieħor jagħmel użu simili (verbal fol.* 14);

3. Illi, ladarba Calcedonio Sammut kien impjegat ta' l-*imputat, ma hix applikabbli dik il-parti ta'* l-art. 3 tal-Kap. 165 li tikkontempla l-fatt ta' min "jippermetti", imma se maj dik il-parti li tikkontempla l-fatt ta' minn "iġiegħel"; u *għalhekk il-Qorti t'Isfel* ma setgħetx issib l-imputat ħati talli "ppermetta dak l-użu", kif sabet;

4. In subordine, hemm "special reasons" għal mitigazzjoni *tal-perijodu ta'* l-iskwalifika;

Ikkunsidrat, fuq dawn il-punti;

Fuq l-ewwel wieħed. Il-liċenza tal-Pulizija hi relativa *għal xorta partikulari ta' motor* vehicle (ara regolament 40, G.N. 24/48), u konsegwentement min isuq għandu jkollu liċenza partikulari għal dik ix-xorta ta' vehicle; altrimenti *jkun daqs kieku ma* għandux liċenza, ġa ladarba ma għandux il-liċenza speċjali meħtieġa b'liġi għal dik ix-xorta ta' motor-vehicle. Għalhekk l-art. 14 Kap. 105, għalkemm jirriferixxi *għal* persuna li ma jkollhiex liċenza, isib l-applikazzjoni tiegħu f'każ bħal dan. L-imputazzjoni relativa hija kwindi pruvata, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti;

Fuq it-tieni punt. Hu "*jus receptum*" li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hijiex ħlief ordni ta' komparizzjoni, l-enunċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha ma hix il-bażi *essenzjali u assoluta* ta' l-inkriminazzjoni, u l-Qorti tista' tikkonvinċi lill-imputat ta' reat divers minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni u *li* jirriżulta mill-provi li jkunu saru; basta jingħata lill-imputat, jekk jitlob hekk, terminu biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor. Id-difiża qalet, però, li dan ma jibqgħax aktar veru meta t-trattazzjoni, bħal ma verament ġara f'dan il-każ, kienet magħluqa, għax kienu nstemgħu l-provi kollha u l-kawża kienet differita għas-sentenza. Gie ċitat l-art. 389 Kap. 12, li jgħid hekk :— "Meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża, il-Qorti, dak inhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat". Din

id-dispożizzjoni ma tvarjax l-effett tal-ġurisprudenza fuq ċitata; għaliex l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliċement biex ikun impost fuq il-ġudikant l-obbligu tad-deċiżjoni sollecita tal-kawża, u għaliex ma hemmx xejn li jimpedixxi li, għal raġuni ġusta, anki mill-Qorti "marte proprio", jerġgħa jinfetaħ is-smiegħ, sija pure biex titbiddel l-imputazzjoni, kif sar f'dan il-każ; basta tingħata, kif ingħatat f'dan il-każ, l-opportunità ta' differiment, jekk l-imputat irid dan id-differiment. Għalhekk din id-deduzzjoni, kif sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti, ma hijiex lanqas sostnuta;

Dwar it-tielet punt. Il-Qorti sabet ħati lil-imputat talli "ippermetta" l-użu ta' car bla l-polza statutorja tassigurtà. Fl-art. 3 (1) Kap. 165, il-liġi tgħid "iġiegħel jew iħalli" — fit-test ingliż " to cause or permit". Id-difensur sostna li għandu jkun hemm distinzjoni bejn "cause" u "permit", u li fil-każ ta' impjegat (kif inhu l-każ preżenti) l-imputat ikun, mhux "ippermetta", lil dak l-impjegat, iżda "ġiegħlu". Hu veru li fil-ġurisprudenza ngliża "in subjecta materia", milli jidher, issir distinzjoni bejn il-portata tażżewġ kelmiet. Jekk wieħed jikkonsulta ktieb reċenti ntestat "Road Traffic Prosecutions" ta' G.S. Wilkinson, 1953 edition, pp. 6 u 7, isib li "to cause involves some express or positive mandate from the person 'causing' to the other person, or some authority from the former to the latter, arising in the circumstances of the case"; u li "to permit is a vaguer term than to cause. It may denote an express permission, general or particular, as distinguished from a mandate. The other person is not told to use the vehicle in a particular way, but he is told that he may do so if he desires. The word includes cases in which permission is merely inferred". Aktar il-quddiem, p. 7, dejjem fuq l-awtorità ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ingliża, dan l-awtur jgħid :— "Permit may mean no more than a failure to take adequate steps to prevent". Fil-kawża Goodborne v. Buck (1940), 1 K.B. 771, C.A. per Mac Kinnon, L.J. pp. 773-774 (ara Burrows — Words and Phrases Judicially Defined, taħt "Cause or Permit", p. 405), intqal hekk : "The offence under s. 35(1) of the Road Traffic Act is 'to cause or permit' any other person to use a motor-

vehicle not covered in respect of third party risks. These are two different verbs. The second one — 'permit' — is much more easy of construction than the first one 'cause' ..... Lord Hewart C.J., fil-kawża Webb. v. Maidstone & District Motor Services Ltd. (1934), ikkunsidra wkoll din il-lokuzzjoni doppja "cause or permit", u qal: "The respondents, by failing to take adequate steps to prevent it, have permitted that to be done which the statute forbids" (loc. cit., taħt "Permit", p. 221);

Dan il-konċett, li l-kelma "permit" tikkomprendi anki l-każ ta' "not to prevent", ġie ripetut f'deċiżjoni tal-Qrati ta' l-Awstralja, Lowery vs. Walker (1911) A.C.10, p. 14, għalkemm in riferenza ta' liġi oħra, u f'deċiżjoni tal-Qrati tal-Kanada, Masley vs. Ketchun (1910), 12 W.L.R. 721 per Metwetmore J., fejn il-ġudikant qal: "I will not say anything further on that subject than to refer to a definition given for the word 'permit' in Murrays Dictionary, namely 'not to prevent' " (Burrows, op. ċit., taħt "Permit" paġ. 220);

Minn dan kollu jidher li proprjament hu aktar eżatt li, fil-każ ta' sid ta' garage li jordna lill-impjegat tiegħu li joħroġ b'kirja, l-imputazzjoni tiġi bażata fuq il-kelma "causes"; għax si tratta ta' ordni li wieħed jagħti bis-saħħa tal-fatt li jkun qiegħed iħallas lill-ieħor ta' dak is-servizz, u li l-ieħor jobdi bis-saħħa ta' l-impjieg; u jidher ukoll, għalhekk, li fil-każ ta', per eżempju, wieħed li jħalli ħabib tiegħu isuq karrozza bla polza tas-sigurtà, l-imputazzjoni tinġieb taħt il-kelma "permits". Però, peress li l-kelma "permits" tinkludi anki s-sens li wieħed "does not prevent", u peress li min "causes" evidentement "does not prevent", għalhekk din il-Qorti hi inklinata tirritjeni, kif qegħdha tirritjeni, li l-imputat "ippermetta" l-użu fis-sens li, meta ordna lill-impjegat joħroġ bil-karrozza, hu "did not prevent" l-użu tagħha;

L-Imħallef sedenti, però, jiddikjara li jista' jkun hemm każijiet oħra fil-prattika fejn id-distinzjoni bejn iż-żewġ kelmiet "cause" u "permit" ikollha tkun aktar rigoruża; u jiddikjara wkoll li, għalkemm "cause" tista' tinkludi "permit",

għal *f'dan il-każ, lis-sens fuq imsemmi*, jista' jkun diffiċli l-kuntrarju, li ċjoè każ ta' sempliċi "permitting" (il-każ ta' ħabib fuq eżemplifikat) jinġieb taħt il-kelma "cause". Għalhekk l-uffiċjali prosekuturi għandhom joqgħodu attenti li jadattaw l-imputazzjoni bil-kelma waħda u oħra, jew bit-tnejn, għall-fattezzi tal-każ, u mhux jużawhom promiskwament:

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni li f'dan il-każ seta' kien hemm lok għall-kundanna taħt il-kelma "permit";

Fuq ir-raba' punt. Din il-Qorti taħseb, però, li f'dan *il-każ hemm raġunijiet qawwija ferm biex* jista' jingħad li hemm "special reasons" għal mitigazzjoni sostanzjali tal-perijodu ta' l-iskwalifika, fit-termini ta' l-art. 3 tal-Kap. 165; li huma dawn:—

(a) Fil-fatt, il-karrozza ma kienetx bla polza tat-"third party risks", iżda kien hemm polza debitament maħruġa u in vigore;

(b) Għad li l-polza kienet għadha fuq il-venditur Piscopo, u kienet għadha ma ġietx "endorsed" favur ix-xerrej, *ċjoè l-imputat, però,* peress li l-imputat kien informa l-kumpannija bit-transfer, din kienet aċċettat li hu jkun "covered" (ara ittra tal-kumpannija fol. 6);

(c) Veru hu li l-impjegat Sammut saq il-karrozza taħt liċenza ġenerali, u mhux speċjali, u kwindi teknikament saqha bla liċenza, u għalhekk teknikament kien hemm ir-reat ta' sewqan bla polza tas-sigurtà, għax il-polza tista' tiġi "avoided" mill-kumpannija f'każ ta' sewqan bla liċenza, però hu ta' min jiddubita, dejjem limitatament għal dan il-*punt ta'* "special reasons", jekk l-imputat irrealizzax li l-fatt li Sammut kien qed isuq b'liċenza ġenerali minflok b'liċenza speċjali kienx tali li jinvalida l-polza tas-sigurtà. Divers kien ikun il-każ, dejjem għal dan il-punt ta' "special reasons", kieku ma kien hemm ebda polza, jew kieku Sammut ma kellu ebda liċenza tas-sewqan, la ġenerali u lanqas speċjali;

(d) Jikkonkorri anki, almenu "civiliter", il-prinċipju li "a policy remains in force until it is avoided" (Goodborne vs. Buck (1930) All Eng. Reports 4, 107); u l-liġi tim-

mantjeni r-responsabilità ta' l-assikuratur lejn it-"third party", taħt ċerti riżervi, anki meta f'ċerti każijiet l-assikuratur ikollu l-jedd li jikkanċella l-"policy" (ara art. 10 u 12 Kap. 165); u dan il-fatt jista' jiġi addott bħala "special reason" (ara Wilkinson, loc. cit., p. 70, b'komment ta' dispożizzjoni simili fl-Att Ingliż);

Kollox ma' kollox, għalhekk, ma l-każ ta' mitigazzjoni tat-terminu ta' l-iskwalifika; għax polza fil-fatt kien hemm ut-terminu tagħha għadu miexi; il-kumpannija aċċettat li dik il-polza titqies daqs kieku "endorsed" favur l-imputat, li kien għalhekk "covered"; u kien hemm biss iċ-ċirkustanza, ta' sewqan taħt liċenza ġenerali u mhux speċjali, li talvolta l-kumpannija setgħet tipprevali ruħha minnha, salva però ir-responsabilità eventwali ta' l-istess kumpannija fl-ipotesijiet previsti taħt l-artikolu 10 fuq ċitat;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda l-perijodu ta' l-iskwalifika jkun biss ta' għoxrin ġurnata minn nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu, 1954. Iż-żmien għall-ħlas tal-pieni pekunjarji, konċess mill-Ewwel Qorti, jibda jgħaddi wkoll minn dik id-data.